REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 172/2013

tas-26 ta' Frar 2013

dwar it-tneħħija ta' ċerti ismijiet eżistenti tal-inbejjed mir-reġistru provdut fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 118s(3) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-ismijiet tal-inbejjed, li kienu protetti skont l-Artikolu 51 u 54 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid ([2]) u l-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fir-rigward tad-deskrizzjoni, denominazzjoni, preżentazzjoni u protezzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur tal-inbid ([3]), kienu awtomatikament protetti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Dawk l-ismijiet tal-inbejjed, ("ismijiet protetti eżistenti tal-inbejjed"), huma elenkati fir-reġistru tad-denominazzjoniet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għall-inbid kif stabbilit skont l-Artikolu 118n tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ("ir-Reġistru").

(2) Fir-rigward ta' dawk l-ismijiet protetti eżistenti tal-inbejjed, l-Istati Membri kellhom jittrażmettu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2011 il-faxxikli tekniċi u d-deċiżjonijiet nazzjonali ta' approvazzjoni. Skont l-Artikolu 118s(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ismijiet protetti eżistenti tal-inbejjed, li għalihom l-ebda trasmiżjoni ma seħħet sa dik id-data, m'għandhomx jibqgħu jiġu protetti taħt dak ir-Regolament. Dawk l-ismijiet għandhom għaldaqstant jiġu mneħħija mir-Reġistru.

(3) It-tneħħija mir-Reġistru m'għandhiex taffetwa inbejjed li, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ġew impoġġija fuq is-suq jew ittikkettjati b'ismijiet ta' nbejjed li se jitneħħew mir-Reġistru. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk l-inbejjed għandha għaldaqstant tiġi permessa sa kemm jinħlew il-ħażniet.

(4) Il-miżura pprovduta f'dan ir-Regolament hija skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ismijiet tal-inbejjed elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament, għandhom jiġu mneħħija mir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 118n tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 2

Inbejjed imqegħda fuq is-suq jew ittikkettjati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, bl-ismijiet tal-inbejjed li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1, jistgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm il-ħażniet jiġu moħlija.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.
([3]) ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1.

ANNESS

Ismijiet protetti msemmija fl-Artikolu 1

Pajjiż	L-ismijiet li se jitneħħew
Il-Greċja	Αδριανή
	Βίλιτσα
	Κορωπί
	Μονεμβασία
	Παιανία
	Πλαγιές Πετρωτού
	Σύρος
Spanja	Abanilla
Franza	Aigues
	Allier
	Argens
	Balmes Dauphinoises
	Bénovie
	Bérange
	Bessan
	Bigorre
	Blanquette de Limoux
	Blanquette méthode ancestrale
	Bordeaux Côtes de Francs
	Bordeaux Haut-Benauge
	Bourbonnais
	Cassan
	Caux
	Cessenon
	Charente
	Charentes Maritimes
	Chaume - Premier Cru des coteaux du Layon
	Cher
	Collines de la Moure
	Comté de Grignan
	Coteaux de Bessilles
	Coteaux de Cèze
	Coteaux de Fontcaude
	Coteaux de la Cabrerisse
	Coteaux de l'Ardèche
	Coteaux de Laurens
	Coteaux de Miramont
	Coteaux de Montélimar
	Coteaux de Murviel
	Coteaux du Grésivaudan
	Coteaux du Layon Chaume
	Coteaux du Littoral Audois
	Coteaux du Salagou
	Coteaux du Verdon

Pajjiż	L-ismijiet li se jitneħħew
	Coteaux et Terrasses de Montauban
	Coteaux Flaviens
	Côtes de Castillon
	Côtes de Ceressou
	Côtes de Lastours
	Côtes de Montestruc
	Côtes de Pérignan
	Côtes de Prouilhe
	Côtes du Brian
	Côtes du Condomois
	Côtes du Vidourle
	Crépy
	Creuse
	Cucugnan
	Deux-Sèvres
	Dordogne
	Doubs
	Entre-Deux-Mers-Haut-Benauge
	Haute-Garonne
	Hauterive
	Haute-Saône
	Hautes-Pyrénées
	Hauts de Badens
	Indre
	Indre et Loire
	Languedoc Grès de Montpellier
	Languedoc La Clape
	Languedoc Picpoul-de-Pinet
	Languedoc Terrasses du Larzac
	Loir et Cher
	Loire-Atlantique
	Loiret
	Lot et Garonne
	Maine et Loire
	Meuse
	Mont Baudile
	Monts de la Grage
	Néac
	Nièvre
	Petite Crau
	Premières Côtes de Blaye
	Principauté d'Orange
	Pyrénées Orientales
	Pyrénées-Atlantiques
	Sainte Baume
	Sarthe
	Seine et Marne
	Tarn
	Tarn et Garonne

Pajjiż	L-ismijiet li se jitneħħew
	Terroirs Landais
	Touraine Amboise
	Touraine Azay-le-Rideau
	Touraine Mestand
	Val de Cesse
	Val de Dagne
	Val de Montferrand
	Vaunage
	Vendée
	Vienne
	Vins du Thouarsais
	Vistrenque
	Volnay Santenots
L-Italja	Alto Tirino
	Cagnina di Romagna
	Condoleo
	Dolcetto delle Langhe Monregalesi
	Dolcetto di Dogliani
	Dolcetto di Dogliani Superiore
	Donnici
	Esaro
	Golfo dei Poeti La Spezia
	Guardia Sanframondi
	Malvasia di Cagliari
	Monica di Cagliari
	Moscato di Cagliari
	Pagadebit di Romagna
	Pinerolese
	Pomino
	Romagna Albana spumante
	Rosso Canosa
	San Vito di Luzzi
	Sangiovese di Romagna
	Sant'Agata de' Goti
	Solopaca
	Trebbiano di Romagna
	Valle del Crati
	Valle Peligna
	Valtellina
Il-Lussemburgu	Crémant du Luxembourg
L-Ungerija	Alföldi
	Dél-alföldi
	Dél-dunántúli
	Duna melléki
	Egerszóláti Olaszrizling
	Észak-dunántúli
	Nyugat-dunántúli

Pajjiż	L-ismijiet li se jitneħħew
	Somlói Arany Somlói Nászéjszakák bora Tisza melléki Tisza völgyi Villányi védett eredetű classicus
Il-Portugall	Moscatel de Setúbal Vinho Espumante Beiras Vinho Regional Beiras
Ir-Rumanija	Cernătești - Podgoria